**Nomina ta’ Daniel Azzopardi bħala**
**Rappreżentant Permanenti ta’ Malta għall-Unjoni Ewropea**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 48B(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. Tista’ tagħtina l-esperjenza li inti għandek ma’ istituzzjonijiet varji tal-Unjoni Ewropea [UE]?**

Ilni naħdem f’dan il-qasam madwar 11–il sena. Fost dawn servejt bħala *Technical Attaché* fir-Rappreżentanza Permanenti ta’ Malta għall-UE fi Brussell fuq affarijiet ta’ enerġija u trasport, kif ukoll bħala Kap Eżekuttiv tal-Energy and Water Agency responsabbli għat-tfassil tal-politika tal-enerġija u l-ilma – liema politika, l-UE għandha kompetenzi vasti fiha. Dan ifisser koordinament kontinwu fuq implimentazzjoni ta’ regoli Ewropej preżenti u dawk li qed jiġu formulati.

**2. X’tibdil amministrattiv intern tara li għandu jsir fi ħdan ir-Rappreżentanza ta’ Malta ġewwa Brussell?**

Il-PREU ilha topera b’mod effettiv għal diversi snin iżda nemmen li hemm lok fejn issir iktar effiċjenti u li taġġorna ruħha għaż-żminijiet tal-lum. L-istil maniġerjali tiegħi huwa li nippreferi li t-tibdiliet li jistgħu jiġu implimentati jsiru b’mod organiku u kolleġjali flimkien mat-tim tiegħi.

**3. X’taħseb li huma l-isfidi ewlenin li għandha r-Rappreżentanza Maltija quddiemha fl-isfond ta’ kif qiegħda tiżviluppa l-UE?**

Il-PREU Maltija dejjem għandha sfida, tkun xi tkun il-klima Ewropea. Ir-raġuni hi li minkejja li Malta hija l-iżgħar Stat Membru tal-UE u għalhekk nieqsa b’mod naturali mill-istess riżorsi li jkollhom rappreżentanzi oħrajn, aħna xorta mistennija li noperaw f’sistema li hija l-istess għall-ikbar Stat Membru. Madanakollu jeżistu metodi kif xorta nwasslu l-pożizzjoni tagħna fil-fora rispettivi b’mod effettiv, kif urejna matul is-snin, b’mod partikolari matul il-Presidenza.

Sfidi li jispikkaw bħalissa huma relatati mal-immigrazzjoni, li se tkun l-ewwel fuq l-aġenda tiegħi, il-baġit allokat għal pajjiżna, proposti għall-armonizzazzjoni tat-taxxa u l-bżonn li nkunu miftuħin għall-istituzzjonijiet kollha kif ukoll il-*media* biex nikkomunikaw b’mod effettiv u ġenwin ir-realtajiet ta’ pajjiżna.

Fundamentalment tibqa’ wkoll l-isfida ta’ dejjem, li bħala rappreżentanza nassiguraw li l-kompetenzi li jispettaw unikament lill-Istati Membri jiġu rispettati u salvagwardjati.

**4. Kif qed tara li tista’ żżomm u tistabbilixxi relazzjoni tajba mal-istituzzjonijiet varji tal-UE?**

Mill-esperjenza tiegħi bħala *attaché*, imħarreġ li nżomm kuntatt kontinwu mal-istituzzjonijiet, kemm fuq livell formali kif ukoll fuq livell informali. Il-viżjoni tiegħi hi li l-PREU tkun aktar

miftuħa u aċċessibbli, u dan jinkludi laqgħat ta' rutina mal-*counterparts* tiegħi fl-istituzzjonijiet kollha.

Lil hinn minn dan kollu, huwa essenzjali li nżidu diskussjoni miftuħa u onesta mal-Parlament Ewropew. Irridu nirrikonoxxu l-irwol importanti li jservi l-Parlament. Fl-istess waqt il-PREU għandha attivament tassigura li r-realtajiet tal-qagħda ta' pajjiżna jiġu kkomunikati effettivament.

**5. Kif tara li Brexit tista' tolqot ix-xogħol eventwali tiegħek ġewwa Brussell?**

It-tluq tar-Renju Unit mill-UE huwa partikolarment sfida għal Malta minħabba l-fatt li ż-żewġ pajjiżi tradizzjonalment ikollhom pożizzjonijiet simili fuq numru sostanzjali ta' oqsma. Ir-Renju Unit kien ukoll gwardjan ġenwin tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Din il-vuċi jidher li mhux se tibqa' preżenti u rridu jew (i) niżviluppaw iktar il-mod kif naħsbu u tkun Malta stess li tieħu dan l-irwol jew (ii) nibnu alleanzi ġodda.

Mill-*punto di vista* teknika, il-maġġoranza tax-xogħol fuq Brexit, speċjalment dak legali, huwa lest. Importanti però li, anke bħala PREU, flimkien mal-istrutturi tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, inkunu f'pożizzjoni biex nattiraw kemm jista' jkun investiment li jkun qed jirreloka mir-Renju Unit.

**6. Kif qed tara l-isforzi ta' integrazzjoni u armonizzazzjoni fiskali li qiegħda tipprova twettaq l-Unjoni Ewropea jistgħu jaffettwaw lilna bħala pajjiż?**

Fir-rigward ta' taxxa, il-pożizzjoni ta' Malta dejjem kienet u se tibqa' li t-taxxa diretta hi kompetenza tal-Istati Membri. Se nibqgħu f'diskussjoni mal-Istati Membri u l-industrija. Id-diskussjonijiet se jibqgħu għaddejjin u m'għandhom iwasslu qatt għall-effett sproporzjonat fuq pajjiżna.

Madanakollu, nifhem li l-pressjoni għal aktar armonizzazzjoni ta' tassazzjoni se tiżdied u għaldaqstant irridu nkunu iktar viġilanti.

**7. Kif tara li għandu jkun l-'EU Approach' lejn l-isfida tal-immigrazzjoni fil-Mediterran li jaffaċċjaw l-Italja u Malta? X'passi konkreti jistgħu jittieħdu min-naħa tal-UE?**

Dwar l-isfida tal-immigrazzjoni irregolari huwa evidenti li hu diffiċli ħafna li jkun hemm qbil fil-futur qarib dwar leġiżlazzjoni ta' immigrazzjoni ħolistika li tinkludi sistema ta' distribuzzjoni ta' piż ġust fl-UE, u għalhekk xi bidliet radikali fir-rigward fil-livell ta' Kunsill Ewropew huma pjuttost diffiċli.

Sadanittant, il-ħidma fil-Kunsill għandha tkun iffukata biex iżżomm il-pakkett leġiżlattiv fuq l-immigrazzjoni għoli fl-aġenda tal-Presidenzi li ġejjin, kif ukoll li nassiguraw li l-politika Ewropea tal-immigrazzjoni tibqa' strutturata fuq dawn l-erba' pilastri:

- Jitnaqqas il-bżonn tal-immigrazzjoni irregolari permezz ta' investiment fil-pajjiżi sorsi;
- Tisħiħ tal-fruntieri esterni tal-UE;
- Inkomplu nirsistu, permezz ta' djalogu kontinwu, għall-politika Ewropea ħolistika ta' immigrazzjoni li tkun ġusta mal-Istati Membri kollha;
- Promozzjoni ta' immigrazzjoni legali.

Fid-dawl ta' dan, ninnota wkoll b'mod pożittiv li fl-MFF il-ġdid propost, il-Kummissjoni Ewropea tat aktar importanza lil dan il-qasam.

**8. Tista' tesebixxi l-kondotta tiegħek, jekk jogħġbok?**

Iva.

**9. Tara li għandek xi interessi professjonali jew ta' kummerċ li jistgħu jkunu konfliġġenti ma' din il-kariga tiegħek, jekk tingħata lilek?**

Le.

## *Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

**1. Tista' tindikalna kemm ilek taħdem f'materji relatati mal-Unjoni Ewropea?**

Ilni naħdem f'dan il-qasam għal madwar 11–il sena. Fost l-oħrajn servejt seba' snin bħala *Technical Attaché* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-UE fi Brussell fuq affarijiet ta' enerġija u trasport, kif ukoll bħala Kap Eżekuttiv tal-Energy and Water Agency responsabbli għat-tfassil tal-politika tal-enerġija u ilma, liema politika l-UE għandha kompetenzi vasti fiha. Dan ifisser koordinament kontinwu fuq implimentazzjoni ta' regoli Ewropej preżenti u dak li qed jiġi formulat.

**2. Kemm-il darba attendejt laqgħat f'Coreper I jew II?**

Fil-kariga ta' *Technical Attaché* attendejt madwar 300 sessjoni ta' Coreper I u madwar 15-il sessjoni ta' Coreper II.

**3. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?**

Fl-2006 ingħatajt borża ta' studju mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin biex insegwi Masters fi Studji Kontemporanji Ewropej fl-Università ta' Sussex fir-Renju Unit. Madanakollu, nemmen li hija l-esperjenza vasta li akkumulajt matul is-seba' snin bħala *Technical Attaché* taħt żewġ Rappreżentanti Permanenti li l-aktar li se sservini f'dan ir-rigward. F'dan l-irwol kont responsabbli għan-negozjar ta' diversi *dossiers* li kienu jirrikjedu kuntatt diplomatiku mal-istituzzjonijiet relevanti f'diversi livelli.

**4. Qatt ġejt assenjat ġewwa segretarjat ta' ministeru jew servejt b'xi mod fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, jew dak tal-Affarijiet Ewropew jew fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru?**

Barra mill-ħidma tiegħi fil-PPCD, li kienet taqa' taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fir-Rappreżentanza Permanenti u, iktar riċenti, dik ta' Kap Eżekuttiv tal-Energy and Water Agency, servejt ukoll bħala konsulent fuq affarijiet Ewropej lill-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza.

**5. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?**

Iva. Kont involut b'mod dirett f'diversi negozjati u inizjattivi Ewropej li jirrigwardaw il-qasam tal-enerġija u t-trasport u li huma ta' interess nazzjonali. Fosthom, insemmi t-TEN-E Regulation (il-liġi Ewropea li tidentifika proġetti ta' interkonettività ta' interess komuni – bħal mhu l-*pipeline* tal-gass), l-implimentazzjoni tal-European Energy Programme for Recovery (li minnu ġie kofinanzjat l-*interconnector*), il-*framework* Ewropew tal-Enerġija u l-Klima għal 2030 (fejn ġie deċiż li l-miri għall-pajjiżi jiġu determinati mill-Istati Membri stess skont kemm jifilħu, il-*Clean Fuels Directive* (li tistimula l-użu ta' karozzi elettriċi u l-qalba tas-settur marittimu għall-LNG mill-HFO), id-Direttiva dwar is-Suq Intern tal-Elettriku fejn ġew salvagwardati derogi importanti għal Malta. Dawn l-elementi huma l-bażi biex Stat Membru jkun jista' jkollu sistema tal-enerġija li tiggarantixxi *security of supply*, affordabilità u sostenibilità.

Ħdimt ukoll fuq diversi *Council Conclusions*:

- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Frar 2011 fejn ħareġ il-kunċett li l-ebda Stat Membru m'għandu jibqa' iżolat min-network Ewropew tal-Elettriku u l-Gass (Kunsill Ewropew)
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2014 li vara l-Climate and Energy Framework għal 2030 (Kunsill Ewropew)
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2015 li vara l-kunċett ta' Energy Union (Kunsill Ewropew)
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2015 li vara s-sistema ta' Governanza għall-Energy Union (Kunsill tal-UE għat-Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija).

Iktar riċenti bħala Kap Eżekuttiv tal-Energy and Water Agency responsabbli b'mod dirett mit-trattattivi bilaterali bejn Malta u l-Italja għall-kostruzzjoni tal-*pipeline* tal-gass, liema ħidma diġà rriżultat fil-konklużjoni ta' żewġ *letters of intent*.

**6. Tista' tindikalna x'kienet ħidmietek bħala Technical Attaché?**

Il-ħidma tiegħi ta' *Technical Attaché* kienet li nirrappreżenta u nieħu ħsieb li l-pożizzjoni ta' Malta fuq affarijiet ta' enerġija u trasport tkun rappreżentata b'mod effettiv f'livell Ewropew. F'dan is-sens, ix-xogħol ta' *attaché* hu wieħed vast li jinkludi wkoll *lobbying* mal-istituzzjonijiet tal-UE biex nifformulaw *acquis* sensibbli u ta' valur miżjud għal Malta. Però kien ukoll jikkonsisti f'ħidma ma' *stakeholders* oħra, bħal *lobby groups* tal-industrija.

**7. Tista' tindika jekk għandekx xi kunflitt ta' interess?**

Ma għandix kunflitt ta' interess.

**8. Qatt tkellimt bħala kelliemi ewlieni tal-Gvern f'fora Ewropej jew internazzjonali?**

Kull meta intervjenejt fil-Kunsill bħala *attaché* għamilt dan f'isem il-Gvern Malti. Din kienet prassi ta' rutina, normalment kull ġimgħa. Iktar riċenti bħala Kap Eżekuttiv, ġejt mistieden nitkellem diversi drabi fil-Parlament Ewropew fuq il-qasam tal-enerġija.

**9. X'kien is-sehem u l-involviment tiegħek tul il-Presidenza ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea?**

Matul it-terminu tiegħi bħala *attaché* bdejt nipprepara għall-Presidenza fil-bidu tas-sena 2014 u f'Novembru tal-istess sena bdejt bil-laqgħat informali tat-*trio* biex nippreparaw il-*Presidency Programmes* rispettivi. Dan ix-xogħol tkompla u sar iktar intensiv fl-2015 fejn, permezz tar-Rappreżentanza Permanenti u l-*Presidency Coordination Unit* f'Malta, bdejt nikkoordina wkoll mal-Kummissjoni Ewropea u kkonkludejna l-*Presidency Programme* Malti fil-qasam tal-enerġija.

Wara li ġejt inkarigat bħala Kap Eżekuttiv tal-Energy and Water Agency f'Jannar 2016, ix-xogħol tiegħi *vis-à-vis* il-Presidenza tkompla billi pprovdejt l-assistenza teknika tiegħi kemm lill-Ministeru kif ukoll, meta kien hemm bżonn, lir-Rappreżentanza Permanenti fejn jidħlu affarijiet tal-enerġija.

**10. Kif, dejjem jekk tiġi magħżul f'din il-kariga, beħsiebek taffronta l-pożizzjoni tal-immigrazzjoni irregolari, il-fondi lejn pajjiżna fil-baġit finanzjarju Ewropew li ġej, in-negozjati għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u dik marbuta mat-taxxa?**

Dawn huma kwistjonijiet perenni, apparti Brexit, fejn Malta għandha *track record* tajjeb ta' kif Malta ddefendiet il-pożizzjoni tagħha. Nirrikonoxxi li ħa nkunu qegħdin nibnu fuq kapaċitajiet estensivi li ġew żviluppati minn dawk ta' qabli. Biex inkomplu nirrappreżentaw il-pożizzjoni ta' Malta b'mod intelliġenti u għaqli nemmen li rridu nifhmu li bħall-Istati Membri l-oħra għandna npoġġu fuq quddiem dejjem l-interess nazzjonali. Madanakollu, dan l-interess irid ikun espress f'kuntest Ewropew. Li jgħaqqad dan kollu huma l-karatteristiċi speċifiċi ta' pajjiżna ċjoè li Malta hija stat - gżira żgħira u fil-periferija tal-Unjoni.

Għaldaqstant, kwalunkwe soluzzjoni Ewropea għal dawn il-materji trid dejjem tirrikonoxxi l-bżonnijiet u l-eżiġenzi speċifiċi ta' Malta. *One size fits all approach* ma jaħdimx. Lil hinn mill-punt tal-prinċipju huwa essenzjali li nifhmu r-*real politique* Ewropew u li nkunu realistiċi kif naffrontaw dawn il-kwistjonijiet. Fir-rigward tal-immigrazzjoni irregolari, huwa evidenti li mhux ser ikun hemm qbil fl-immedjat u għalhekk xi bidliet radikali f'dan ir-rigward fil-livell ta' Kunsill Ewropew huma pjuttost diffiċli. Għaldaqstant għandna niffukaw iktar riżorsi biex nidentifikaw bidliet żgħar li kapaċi naqblu fuqhom, liema bidliet magħquda b'mod kumplessiv jistgħu jħallu impatt pożittiv.

Fejn tidħol taxxa, il-pożizzjoni ta' Malta dejjem kienet u se tibqa' li t-taxxa diretta hi primarjament kompetenza tal-Istati Membri. Se nibqgħu f'diskussjoni mal-Istati Membri u l-industrija. Id-diskussjonijiet se jibqgħu għaddejjin u m'għandhom iwasslu qatt għal effett sproporzjonat fuq pajjiżna.

Fir-rigward ta' Fondi Ewropej, is-suċċess ekonomiku ta' pajjiżna f'dawn l-aħħar snin se jagħmilha iktar diffiċli li nżommu *status quo* f'dan ir-rigward. Madanakollu, ma jfissirx li dan mhux possibbli u milli diġà ġie ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea jidher li l-proposti huma bażi tajba minn fejn nibdew. Fost dawn hemm li r-realtajiet ġeofiżiċi ta' pajjiżna huma permanenti, irrispettivament mit-tkabbir ekonomiku u allura raġuni importanti għalfejn l-għajnuna għandha tibqa'.

It-tluq tar-Renju Unit mill-UE huwa partikolarment sfida għal Malta minħabba l-fatt li ż-żewg pajjiżi tradizzjonalment ikollhom pożizzjonijiet simili fuq numru sostanzjali ta' oqsma. Ir-

Renju Unit kien ukoll gwardjan ġenwin tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Din il-vuċi mhux se tibqa' preżenti u rridu (i) niżviluppaw iktar fil-mod kif naħsbu; u (ii) nibnu alleanzi ġodda.

Mil-lat tekniku, ix-xogħol fuq materji legali relatat ma' Brexit hu pjuttost avvanzat. Importanti però li, anke bħala Rappreżentanza Permanenti, flimkien mal-istrutturi tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, inkunu preparati biex nattiraw kemm jista' jkun investiment li jkun qed jirriloka mir-Renju Unit.

**11. Tista' tindika x'tibdiliet amministrattivi beħsiebek twettaq fil-mod li taħdem r-Rappreżentanza Permanenti?**

Ir-Rappreżentanza Permanenti ilha topera b'mod effettiv għal diversi snin iżda nemmen li hemm lok fejn tista' ssir iktar effiċjenti u li taġġorna ruħha għaż-żminijiet tal-lum. L-istil maniġerjali tiegħi huwa li nippreferi li t-tibdiliet li jistgħu jiġu implimentati jsiru b'mod organiku u kolleġjali flimkien mat-tim tiegħi.